**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Frar, 2020

Rikors Numru: 376/19 AL

**AB**

**VS**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ f' Aleppo fis-Syria fis-7 t' April 2011 liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru 894/2011; (ċertifikat anness u immarkat Dok A).
2. Illi l-partijiet m'għandhomx tfal.

3. Illi l-partijiet permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Fiona Zammit Armeni datat 18 ta' Lulju 2019 isseparaw minn ma' xulxin; (Kopja tal-kuntratt annessa Dok D);
4. Illi skond il-kuntratt tas-separazzjoni l-partijiet ma jħallsux manteniment lill-xulxin;
5. Illi l-partijiet illum il-ġurnata ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jgħixux flimkien f'dawn l-aħħar ħames snin;
6. Illi llum il-ġurnata ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;
7. Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara maħlul iż-żwieġ tiegħu ma' Maria Cassar u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi u jordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għall-daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Settembru 2020;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla twiegeb li m'ghandha ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Lulju, 2019 ude facto separati ghal aktar minn erba` (4) snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur

tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.